MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 102/2003/1

**Victor Zammit**

**vs**

**Kummissarju Elettorali Principali ghan-nom u in rappresentanza tal-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti;**

Din hi sentenza minn appell interpost minn Victor Zammit taht is-subartikolu (9) tal-Artikolu 51 tal-Kap. 354 minn decizjoni mehuda mill-Kummissjoni Elettorali li ma

taccettax in-nomina tieghu bhala kandidat ghall-elezzjonijiet generali li ghandhom isiru fit-12 ta’ April. Ir-rikors ta’ appell gie ppresentat fl-24 ta’ Marzu, 2003 u t-trattazzjoni dwaru saret fl-udjenza tal-bierah, 26 ta’ Marzu, 2003;
Fir-risposta tieghu tal-25 ta’ Marzu, 2003 il-Kummissarju Elettorali Principali beda biex eccepixxa preliminarjament in-nullita` tar-rikors ta’ appell peress li dan, skond hu, ma sarx fi zmien 24 siegha kif jitlob is-subartikolu (9) tal-Artikolu 51 imsemmi. Fil-meritu eccepixxa li d-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali kienet korretta u dan peress li Victor Zammit ma hux registrat bhala elettur fir-Registru Elettorali pubblikat f’Ottubru, 2002, b’mod ghalhekk li skond l-Artikolu 51(3) huwa mhux ikkwalifikat biex jikkontesta bhala kandidat.

Fl-udjenza tal-bierah l-appellant “irrileva”, permezz ta’ nota presentata *seduta stante* li d-decizjoni tal-Kummissjoni kienet nulla stante li ma gietx segwita l-procedura traccjata fis-subartikoli (6), (7) u (8) tal-Artikolu 51, b’mod li huwa ma nghatax smigh xieraq mill-imsemmija Kummissjoni.

Fl-udjenza tal-bierah ukoll instemghu is-sur Joe Calleja u s-sur Carmel Degabriele, segretarju tal-Kummissjoni u Kummissarju Elettorali Principali rispettivament, kif ukoll ir-rikorrent.

Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent tefa’ n-nomina tieghu nhar it-Tnejn, 17 ta’ Marzu, 2003. Il-Kummissjoni Elettorali mill-ewwel irrealizzat li kien hemm problema b’din in-nomina, peress li Zammit mhux imnizzel fir-Registru Elettorali applikabbli ghall-elezzjonijiet generali ta’ April. Skond kif xehed l-intimat Carmel Degabriele, il-Kummissjoni ltaqghet nhar il-Gimgha, 21 ta’ Marzu, 2003 fl-erbgha w nofs ta’ wara nofs in-nhar f’liema laqgha tqanqlet mill-istess Kummissjoni il-kwistjoni tar-regolarita` jew validita` ta’ zewg nomini, wahda minnhom dik ta’ l-appellant. Il-Kummissjoni, pero`, stenniet sas-sitta ta’ filghaxija biex tiehu formalment id-decizjoni taghha peress li dak kien il-hin gia stabbilit sa meta kellhom isiru oggezzjonijiet minn kull min kien interessat li jaghmel oggezzjoni ghal xi

nomina li kienet intefghet. Wara s-sitta il-Kummissjoni ddecidiet fuq dak li kellha tiddeciedi, fosthom in-nomina tar-rikorrent, u ddecidiet li r-rikorrent ma setax jikkontesta l-elezzjoni peress li ismu ma jidhirx “bhala elettur fl-ahhar registru elettorali ppublikat f’Ottubru 2002”. Din id-decizjoni giet komunikata lir-rikorrent b’ittra li ggib id-data tas-Sibt, 22 ta’ Marzu, 2003 u giet konsenjata lilu fis-siegha ta’ wara nofs in-nhar. Jirrizulta wkoll bhala fatt li r-rikorrent ma hux imnizzel bhala elettur fir-Registru Elettorali msemmi.

Kwantu ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Kummissarju Elettorali Principali, din hi infondata. Fin-nuqqas ta’ xi disposizzjoni tal-ligi li tghid li t-termini ghandhom jigu komputati b’mod differenti minn kif huma komputati fil-Kap. 12, iz-zmien ta’ 24 siegha kienu jiskadu fil-hin ta’ l-gheluq tar-registru it-Tnejn, 24 ta’ Marzu (Art. 104 u 108, Kap. 12). Mill-atti jirrizulta li r-rikors ta’ appell gie prezentat it-Tnejn 24 ta’ Marzu, 2003 f’nofs in-nhar u erbghin minuta. Ghalhekk gie prezentat entro t-terminu stabbilit mil-ligi.

L-intimat Kummissarju Elettorali Principali issottometta, permezz ta’ l-abbili difensur tieghu l-Avukat Ian Refalo, li l-Kummissjoni ma kienitx obbligata li ssegwi l-procedura traccjata fis-subartikoli (6), (7) u (8) tal-Artikolu 51, peress li f’dan il-kaz kienet il-Kummissjoni stess li *ex officio* ssollevat l-opposizzjoni ghan-nomina, u dan kif hija setghet taghmel skond it-tieni parti tas-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 51. Skond l-intimat il-procedura tan-notifika, smigh tal-kandidat, ecc,. tapplika biss meta terza persuna tkun ghamlet l-opposizzjoni u mhux meta, bhal f’dan il-kaz, din tkun saret mill-istess Kummissjoni.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-Artikolu 51 tal-Kap. 354 u specjalment is-subartikoli (6), (7) u (8) u hi tal-fehma li z-zewg partijiet f’din il-kawza ghandhom, in parti, ragun. Kjarament it-tlett subartikoli in dizamina huma redatti f’termini li aktar japplikaw ghal meta l-opposizzjoni ssir minn terza persuna milli meta ssir mill-istess Kummissjoni. Hekk, per ezempju, is-subartikoli (6) u (7) jiddistingwu b’mod car bejn il-Kummissjoni fuq naha u l-partijiet involuti

(jigifieri min jaghmel l-opposizzjoni u l-kandidat) fuq in-naha l-ohra. Pero` xorta wahda din il-Qorti hi tal-fehma li l-Kummissjoni kellha, qabel ma tiddeciedi, tisma’ x’kellu xi jghid il-kandidat, u dan ghax inkorporat fis-subartikoli (6) u (7) hemm id-dritt tal-kandidat li jsemmi lehnu qabel ma l-Kummissjoni tippronunzja ruhha definittivament fuq jekk hemmx xi wiehed jew aktar mill-ostakoli kontemplati fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 51.

Minkejja dan, din il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tannulla d-decizjoni tal-Kummissjoni u tibghat il-kwistjoni lura fi hdan il-Kummissjoni biex terga’ tigi deciza hemm, u dan mhux biss minhabba l-urgenza insita f’dawn il-proceduri, izda anke u principalment minhabba l-mod kif inhu koncepit ir-rikors ta’ appell. In fatti, it-talba fir-rikors hija fis-sens li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali u “tiddikjara valida n-nomina ta’ l-esponent bhala kandidat ghat-tlettax-il distrett elettorali ghall-elezzjoni generali” tat-12 ta’ April, u dan fuq il-bazi li “huwa jikkwalifika kemm bhala elettur kif ukoll bhala kandidat” ghall-imsemmi distrett u ghall-imsemmija elezzjoni. Kwindi din il-Qorti qed tigi msejha tiddetermina l-meritu tan-nomina jew kandidatura u dan apparti minn kull konsiderazzjoni ohra ta’ x’sar jew ma sarx quddiem il-Kummissjoni Elettorali.

Issa, fil-meritu jirrizulta, kemm mill-verbal registrat il-bierah fl-udjenza kif ukoll mid-deposizzjoni ta’ l-istess rikorrent li hu mhux registrat bhala elettur fir-Registru Elettorali ppublikat f’Ottubru, 2002, u kwindi certament hemm ostakolu validu skond is-subartikolu (3) ga msemmi ghan-nomina jew kandidatura tieghu.

Konsegwentement, bla hsara ghal dak li nghad aktar ‘il fuq dwar l-aspett procedurali ta’ kif kellha timxi l-Kummissjoni f’kazijiet simili, tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali in kwantu din iddecidiet li ma tilqax in-nomina tar-rikorrent bhala kandidat ghat-tlettax-il distrett ghall-elezzjoni generali tat-12 ta’ April, 2003.

Spejjez, jekk hemm, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

---------------------------------TMIEM---------------------------------